MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 670/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**v**

**DAVID ELLUL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DAVID ELLUL** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Carmel u Carmen nee Camilleri, iwieled Pieta nhar s-sebgha ta' Novembru 1982 u residenti 'Pitiross', Triq l-Awrora, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 613482M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Lulju 2006, u fil-granet ta' qabel gewwa Hal Balzan u cioe fil-lukanda Corinthia u f'inhawi ohra:

a. Ha f'idejh xi funzjoni pubblika sew civili jew militari minghajr ma kellu jedd ghalih w ezercita att ta' dik l-funzjoni;

b. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tan-pubbliku;

c. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil Curran Buhagiar ingjurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dawn il-kodici.

Il-Qorti giet mituba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta'Curran Buhagiar ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Lulju 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputatdin din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-hdax ta' Lulju 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 9].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 ghal l-ewwel [1] w t-tieni [2] akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatt li l-kwerelant u cioe l-vittma f'din il-kawza gie risaldat tad-danni li sofra u li m'ghandu ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat;

2. Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu net tal-investigazzjoni;

3. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri;

4. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

5. Il-fatt li l-imputat ghaddej min problemi ta' sahha psikjatrika.

6. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 84 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat DAVID ELLUL hati tal-ewwel [1] w it-tieni [2] akkuza kif ammessi minnu stess u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Dwar t-tielet [3] akkuza, il-Qorti rat in-nota prezentata mill-avukat difensur u stante rinunzja da parti tal-kwerelant, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din t-tielet [3] akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------